MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 203/2012

**F B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg bejniethom nhar is-7 ta' Mejju 1974 u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv;

2. Illi min dawn iz-zwieg, il-partijiet kellhom tfal li llum huma maggorenni;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti tfarrket u tkissret irrimedjabilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, fosthom inkompatibilita' serja ta' karattri;

4. Il-partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf sal-gurnata tal-lum, pero' l-problemi bdew aktar min ghaxar snin ilu. Madanakollu l-konvenut ma jridx jabbanduna d-dar matrimonjali;

5. Ir-rikorrenti esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega min din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, w dan permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat- 13 ta' Lulju 2012 ai termini tar-Regolament 4(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li nghalqet il-medjazzjoni.

6. Dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attrici;

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Jghid ghalhekk il-konvenut intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, konjugi B, peress li l-konvenut intimat irrenda ruhu hati lejn martu r-rikorrenti esponenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq premessi u rikonoxxuti mil-Ligi u sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq u l-Artikolu 55A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attrici in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq premessi, rikonoxxuti mil-Ligi u mputabbli lill-attur;

2. Tiffissa li l-konvenut intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti esponenti martu dik ir-retta alimentari xierqa w adegwata li tigi ffissata mill-istess Onorabbli Qorti skond il-mezzi tal-konvenut intimat, u l-bzonnijiet tar-rikorrenti pagabbli mil-konvenut intimat, lill-istess rikorrenti esponenti, martu, fil-gimgha jew fix-xahar (b'dawk il-modalitajiet tal-pagament inkluz provvediment taz-zieda perjodika sabiex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-konvenut intimat li ghandhom jigu ffissati min din l-Onorabbli Qorti) hekk kif ordnat min din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenut intimat, biex ihallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu, jew parti minnu, somma globali li fil-kelma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex ir-rikorrenti esponenti, tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-konvenut intimat skond dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

3. Tiddikjara xjolta l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida bl-istess mod li jigu stabbiliti, porzjonijiet in divizjoni w assenjati lill-partijiet;

4. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali taghha;

5. Tordna lir-rikorrenti esponenti tibqa' tghix u tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha l-intimat, ai termini ta' l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili; jew tordna li tinbiegh id-dar matrimonjali u r-rikavat ta’ tali bejgh jkun maqsum skond kif tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti tirregistra, ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku, s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Tawtorizza lir-rikorrenti esponenti tirreverti ghal kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-istess attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha qed jikkontesta t-talbiet attrici.

Rat il-kontro talba tal-konvenut

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' April 2014 il-partijiet flimkien talbu sabiex il-Qorti tippronunzja sentenza li permezz taghha tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet dwar jekk il-Qorti ghandiex f'dan l-istadju tal-kawza tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. It-tnejn qed jaqblu li l-Qorti ghandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-Qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

Ladarba l-partijiet qeghdin jaqblu li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi terminata f'dan l-istadju, mhux mehtieg li l-Qorti tindaga jekk b'tali pronunzjament xi hadd mill-partijiet hux ser ibati pregudizzju. Fi kwalunkwe kaz, ezami tal-artikolu 55 juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza *in parte* ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "pregudizzju mhux proporzjonat".

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku zmien ghaxart ijiem minn meta ssir *res judicata*.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------